MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 105/1999/1

**Emanuel GRECH u, għal kull interess li jista' jkollha, martu Doris; Mario Bonnici u, għal kull interess li jista' jkollha, martu Annie; Felix Camilleri u, għal kull interess li jista' jkollha, martu Mary; u Paul Spiteri u, għal kull interess li jista' jkollha, martu Doreen**

**vs**

**Emanuel MUSCAT u Victor Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta' Jannar, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-imħarrkin jiġu ordnati biex, fi żmien qasir u perentorju, jistallaw "*lift*" fil-blokk ta' appartamenti bl-isem "Victoria Flats", fi Triq il-Ħġejjeġ, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, għall-qadi tal-istess appartamenti, u li, f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jagħmlu dak lilhom ordnat fiż-żmien

mogħti, li l-istess atturi jkunu jistgħu jistallaw huma l-imsemmi "*lift*" bi spejjeż għall-imħarrkin;

Rat in-Nota mressqa fid-19 ta' April, 1999, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-ġudizzju mhux sħiħ għaliex il-kawża ma saritx mis-sidien tal-appartamenti kollha tal-blokk. Fil-mertu qalu li l-"*lift*" ma tqegħidx fil-post minħabba li kienu l-atturi nfushom li opponew għat-twaħħil tiegħu u, għalhekk, jekk kemm-il darba l-"*lift*" isir issa, l-atturi jridu jżidu s-somma ta' kumpens ladarba laħaq għadda ħafna żmien;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 ta' Ġunju, 2001[1], li bih il-partijiet qalu li kien sar qbil li l-imħarrkin jonoraw l-obbligazzjoni kuntrattwali dwar l-istallazzjoni tal-"*lift*", filwaqt li l-atturi jiddepożitaw il-kontribuzzjoni tagħhom mal-avukat tagħhom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Novembru, 2001, li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tas-6 ta' Mejju, 2002, li bih u fuq talba magħmula b'rikors imressaq mil-atturi fit-2 ta' Mejju, 2002, reġgħet qegħdet il-kawża fuq il-lista għas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2003[2], li bih u wara li ġiet mgħarrfa li l-partijiet baqgħu ma laħqux ftehim, ħatret lill-Avukat Dottor Christopher Ċilia bħala Assistent Ġudizzjarju biex jisma' x-xhieda tal-imħarrkin, liema ordni tħassar b'degriet ieħor tad-19 ta' Novembru, 2003;

Semgħet ix-xhieda tal-imħarrkin;

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukat tal-atturi, li ġiet reġistrata;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2004, li bih tat żmien lill-imħarrkin biex iressqu Nota ta' Sottomissjonijiet;

---

[1] Paġ. 73 tal-proċess
[2] Paġ. 81 tal-proċess

Rat li l-imħarrkin baqgħu ma ressqux Nota u lanqas talbu li l-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza biex tisma' sottomissjonijiet f'isimhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex tordna t-twettiq ta' obbligazzjoni miftehma f'kuntratt. L-atturi kisbu mingħand l-imħarrkin appartamenti fi blokk ta' bini tal-istess imħarrkin. Fost il-kundizzjonijiet li kien hemm fil-kuntratt tal-kisba ta' kull wieħed mill-atturi, kien hemm dik li x-xerrej irid iħallas ħames mitt lira Maltija (Lm 500) oħra b'żieda mal-prezz tax-xiri tal-appartament hekk kif jitħaddem "*lift*" komuni għall-appartamenti. Fiż-żmien li l-atturi xtraw l-appartamenti, ix-xogħol kien għadu ġebel u saqaf u kien hemm il-bokka li fiha kellu jitqiegħed il-"*lift*" iżda l-"*lift*" ma kienx għadu twaħħal fil-post. Meta għadda ż-żmien u l-bini kien ilu li tlesta u kull appartament kien inbiegħ, l-atturi ġrew wara l-imħarrkin biex dawn iżommu r-rabta tagħhom u jistallaw il-"*lift*". L-atturi jgħidu li l-imħarrkin kienu jwegħduhom imma ma waslu qatt. Saret laqgħa bejn l-atturi u l-imħarrkin u l-imħarrkin qalu li biex jagħmlu l-"*lift*" riedu li kull wieħed mill-atturi jżid is-somma ta' kumpens ogħla minn dik imsemmija fil-kuntratt ta' xiri ta' kull wieħed minnhom għaliex l-ispejjeż biex jiġi stallat "*lift*" kienu żdiedu ħafna mal-medda taż-żmien;

Illi mill-<u>fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u> joħroġ li l-imħarrkin bnew blokk ta' bini f'Buġibba. Huma biegħu l-appartamenti (flimkien mas-sehem ta' kull wieħed minnhom għall-ambjenti komuni) fosthom erbgħa (4), wieħed lil kull wieħed mill-atturi[3], bejn Ġunju u Settembru tal-1991. Il-kundizzjonijiet f'kull wieħed mill-kuntratti kienu

[3] Dokti "A" sa "D", f'paġġ. 5 sa 23 tal-proċess

ġeneralment jixxiebhu. Meta saru l-kuntratti, fil-blokk kienu għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet, iżda kien sar xogħol biex ’il quddiem jitwaħħal *lift* li jaqdi lill-appartamenti tal-ogħla sulari. Kull wieħed mix-xerrejja ntrabat li, malli l-*lift* jibda jaħdem, iħallas lill-bejjiegħa kontribuzzjoni ta’ ħames mitt lira Maltin (Lm 500). Minkejja li għadda ż-żmien u l-bini kollu kien intemm, il-*lift* baqa’ ma twaħħalx. F’Jannar tal-1999, infetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u> jibda biex jingħad li l-atturi jserrħu l-azzjoni tagħhom fuq ir-rabta li saret (minnhom ukoll) f’kull wieħed mill-kuntratti li bis-saħħa tiegħu kisbu l-appartamenti individwali tagħhom fl-istess blokk ta’ bini. Dan il-punt tat-tluq huwa ta’ siwi kbir mhux biss għas-soluzzjoni tal-kwestjoni fil-mertu, iżda wkoll għal kwestjoni ta’ natura preliminari mqanqla mill-imħarrkin fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-ġudizzju m’huwiex sħiħ**, l-imħarrkin jgħidu li kienu biss erba’ (4) minn fost is-sidien kollha tal-appartamenti tal-binja li fetħu l-kawża kontra tagħhom. Huma jgħidu li, ladarba t-talba attriċi tolqot l-istallazzjoni ta’ *lift* li se’ jeffettwa lis-sidien kollha, allura s-sidien kollha messhom kienu fil-kawża. Il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument tal-imħarrkin. Fl-ewwel lok, u l-aktar importanti, m’huwiex minnu li s-sidien kollha tal-appartamenti għandhom interess ġuridiku fl-azzjoni preżenti. Dan jingħad għaliex il-kuntratti nfushom jagħmluha ċara li s-sidien tal-ambjenti fil-livelli tal-kantina u tat-terran ma kellhom x’jaqsmu xejn mal-istallazzjoni tal-*lift* fil-blokk. Fit-tieni lok, jirriżulta li s-sidien l-oħra li ma sseħbux mal-atturi biex jagħmlu l-kawża kontra l-imħarrkin huma oħt wieħed mill-imħarrkin u l-istess imħarrek Vella. Fit-tielet lok, l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin bħala bejjiegħa kienet obbligazzjoni individwali lejn kull wieħed mill-atturi xerrejja, liema obbligazzjoni kull wieħed mill-kredituri tagħha sata’ jitlob il-ħarsien tagħha minkejja r-rieda ta’ kull wieħed ieħor mill-kredituri l-oħrajn. Fir-raba’ lok, lanqas jista’ jingħad li s-sid l-oħra messha ddaħħlet fil-kawża bħala parti mħarrka jew imsejħa fil-kawża b’mod koatt, għaliex huma biss l-imħarrkin attwali li jistgħu jiġu

mġegħla jwettqu dak li fil-kuntratti ntrabtu li jagħmlu, u li għalhekk huma l-leġittimi kontradditturi waħdanin tal-azzjoni attriċi;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-kawża kif kostitwita hija sħiħa u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni ma tidhirx mistħoqqa;

Illi **fil-mertu** wieħed jagħmel tajjeb li jżomm quddiem għajnejh ir-regola li l-kuntratt magħmul skond il-liġi għandu saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluh[4]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma hemm l-ebda dubju li l-imħarrkin bejjiegħa ntrabtu ma' kull wieħed mill-atturi xerrejja li kellhom joħorġu l-ispejjeż kollha biex jintemm ix-xogħol fil-partijiet komuni tal-blokk. Fost il-benefikat imsemmi f'kull wieħed mill-kuntratti taħt "partijiet komuni" wieħed isib il-*lift*. Mhux hekk biss, imma l-istess kuntratti jgħidu saħansitra li x-xogħlijiet fuq il-partijiet komuni "in realta' jinsabu kompluti"[5]. Ir-rabta ta' kull wieħed mix-xerrejja kienet li, meta l-*lift* jibda jaħdem, iħallas lill-bejjiegħa s-somma ta' ħames mitt lira (Lm 500) bħala kontribuzzjoni. L-imħarrkin ma jiċħdux li l-istallazzjoni tal-*lift* kien obbligu tagħhom, iżda għall-kuntrarju, jistqarru l-fatt[6], iżda jitfgħu fuq l-atturi l-ħtija li dan ma sarx;

Illi ma tressqet l-ebda prova li l-patti miftehma fil-kuntratti nbidlu b'xi ftehim jew b'kitba kuntrarja. Kif inhu magħruf, l-ebda kuntratt ma jista' jitbiddel minn waħda biss mill-partijiet, kif u meta jkun jogħġob lilha;

Illi minn dak li seħħ wara li saru l-kuntratti, irriżulta li l-imħarrkin baqgħu ma stallaw qatt il-*lift* fl-ambjenti komuni tal-blokk. Għalhekk, ladarba ma kienx hemm *lift* jaħdem, ma kienx beda jseħħ l-obbligu fuq l-atturi li joħorġu l-kontribuzzjoni rispettiva tagħhom;

Illi l-liġi taħseb għall-każ fejn persuna li tonqos li tagħmel il-parti tagħha taħt ftehim tista' tiġi mġegħla twettaqha.

---

[4] Art. 992(1) tal-Kap 16

[5] Ara Klawsola 7 tad-Dok "A", Klawsola 4 tad-Dok "B", u Klawsola 5 tad-"Dok C", f'paġġ. 7, 10 *tergo* u 14 tal-proċess

[6] Ara x-xhieda tal-imħarrek Muscat 8.6.2004, f'paġ. 88 tal-proċess, u tal-imħarrek Vella 8.6.2004, f'paġġ. 92-3

Dan ifisser li n-nuqqas ta' twettiq (f'waqtu) ta' obbligazzjoni ma jġibx fix-xejn dik ir-rabta, imma, għall-kuntrarju, jħalli lok li tista' tintalab l-eżekuzzjoni tagħha. Għalhekk, sakemm il-ftehim ma jkunx sar fih patt ta' kundizzjoni riżoluttiva espressa li meta sseħħ iġġib fix-xejn il-kuntratt b'mod li lanqas il-Qorti ma tista' ttawwal iż-żmien lid-debitur għall-eżekuzzjoni[7], il-fatt li jkun sar ftehim bilaterali bejn tnejn min-nies jew iżjed jista' joħloq il-preżunzjoni li tingħadd li saret fih il-kundizzjoni riżoluttiva taċita f'każ li waħda mill-istess partijiet tonqos li twettaq il-parti tagħha. Imma din il-kundizzjoni ma ġġibx fi tmiemha *ipso jure* l-obbligazzjoni (għajr fil-kuntratti kummerċjali), u hija mogħtija lill-Qorti mil-liġi s-setgħa li tagħti lid-debitur żmien xieraq u skond iċ-ċirkostanzi biex jagħmel dak li kien intrabat[8];

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[9]. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[10]. Jekk, fir-rabta tal-obbligazzjoni, jkun ingħata żmien għat-twettiq tagħha, id-debitur li jħalli ż-żmien jgħaddi jitqiegħed *in mora* u jibdew jgħaddu mgħaxijiet kontrih favur il-kreditur. Iżda fejn ma jkunx ingħata żmien għall-obbligazzjoni jew fejn, minkejja li jkun ingħata żmien, id-debitur imut qabel ma jgħaddi dak iż-żmien, id-debitur jew il-werrieta tiegħu jitqegħdu *in mora* biss wara li jiġu msejħin b'att ġudizzjarju[11];

Illi fil-każ preżenti, l-ebda wieħed mill-kuntratti ma kien jorbot lill-imħarrkin bi żmien meta kellu jibda jaħdem il-*lift*. F'każ bħal dan, il-liġi trid[12] li l-obbligazzjoni għandha

---

[7] Art. 1067 tal-Kap 16
[8] Art. 1068 tal-Kap 16
[9] Art. 1125 tal-Kap 16
[10] Art. 1127 tal-Kap 16
[11] Art. 1130 tal-Kap 16
[12] Art.1077 tal-Kap 16

titwettaq minnufih, kemm-il darba x-xorta tal-obbligazzjoni, il-mod kif għandha tiġi mwettqa jew il-post fejn ġie miftiehem li titwettaq ma jġibux magħhom il-ħtieġa ta' żmien. F'kull każ, iż-żmien li fih għandha tiġi eżegwita l-obbligazzjoni jiġi stabilit mill-Qorti skond il-każ, ladarba l-obbligazzjoni ma tkun tikkonsisti fi ħlas ta' somma flus[13]. Jirriżulta wkoll li l-atturi ma interpellawx lill-imħarrkin b'att ġudizzjarju qabel fetħu din il-kawża, u għalhekk ma jistax jingħad li l-imħarrkin waqgħu f'mora[14], għalkemm jista' jingħad ukoll li ż-żmien li għadda bejn meta saru l-kuntratti u meta l-*lift* sata' jiġi istallat kien twal wisq;

Illi ġie wkoll stabilit li, f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista' jagħżel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq, ukoll kontra r-rieda tad-debitur, jew inkella li jitlob li jitħallas għad-danni li jkun ġarrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq[15]. Dan tipprovdih ukoll il-liġi[16];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[17]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[18]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[19];

Illi f'din il-kawża, l-imħarrkin jgħidu li kienu l-atturi nfushom li żammewhom milli jwaħħlu l-*lift* f'postu. L-atturi jiċħdu dan bil-qawwa kollha[20]. Filwaqt li jidher li seta' kien hemm il-fehma li l-*lift* ma jitwaħħalx qabel ma jkun intemm il-bini

[13] Art. 1078(b) tal-Kap 16
[14] Ara, P.A. **30.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit Tabona et vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.834**) u App.Kumm. **7.4.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud noe et vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.296**)
[15] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXIV.ii.578**)
[16] Art. 1069(1) tal-Kap 16
[17] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[18] Art. 1133 tal-Kap 16
[19] Art.1134 tal-Kap 16
[20] Xhieda tal-attur Camilleri 21.6.2000, u tal-attur Spiteri 21.6.2000 u 8.6.2004 f'paġġ. 65, 68 u 95 tal-proċess

tal-*penthouse*, irriżulta madankollu li l-*lift* xorta baqa' ma sarx minkejja li l-bini tal-*penthouse* kien ilu li ntemm is-snin qabel infetħet il-kawża. Għall-kuntrarju, ħarġet xhieda li turi li l-atturi kienu ilhom jisħqu mal-imħarrkin biex jistallaw il-*lift* u li kienu saru xi laqgħat ukoll b'dan il-ħsieb. Fuq kollox, lanqas mill-aspett legali ma tista' trieġi d-difiża tal-imħarrkin. Dan jingħad għaliex ladarba l-kuntratti kienu jagħmluha ċara li l-bejjiegħa kellhom itemmu x-xogħlijiet fil-partijiet komuni, ma jagħmilx sens li huma jaċċettaw li joqogħdu għat-talba jew l-oppożizzjoni tal-atturi xerrejja, li kienu huma wkoll marbutin bl-istess patti tar-rispettivi kuntratti tagħhom;

Illi jifdal li wieħed iqis l-eċċezzjoni li biha l-imħarrkin iridu li biex iwettqu l-obbligu tagħhom, l-atturi jridu jżidu s-somma li biha huma ntrabtu fil-kuntratt. Dan iriduh għaliex jgħidu li minn dak inhar tal-kuntratt sallum l-ispejjeż biex jitqiegħed *lift* fil-post telgħu m'ogħla s-smewwiet. Dan l-argument m'huwa xejn għajr tentativ tal-imħarrkin li jitgħattew bl-għarbiel minn dak li, fis-sewwa, jaħtu għalih huma stess. Il-qagħda legali f'ċirkostanza bħal din hija li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jistax jeħles mir-rabta li jkun ħa billi jallega li l-ispejjeż biex iwettaqha jkunu kibru. Il-liġi ssemmi liema huma l-modi li bihom jispiċċaw l-obbligazzjonijiet[21], iżda ż-żieda fl-ispejjeż jew fil-prezz tal-materjal m'hijiex waħda minnhom;

Illi, minbarra dan, fil-każ preżenti ntwera li s-somma li kull wieħed mix-xerrejja kien intrabat li jħallas lill-imħarrkin bejjiegħa meta jibda jaħdem il-*lift* ma kinitx sehem tal-prezz u n-nefqa tal-istess *lift*, iżda kontribuzzjoni. Mill-mod kif kienet miktuba l-klawsola relativa f'kull wieħed mill-kuntratti ta' xiri u bejgħ, il-Qorti tasal għall-fehma li dak li l-partijiet riedu kien li min juża l-*lift* jirfed ftit min-nefqa li kellhom iġorru s-sidien iżda mhux li jagħmlu tajjeb għal kollox għaliha. Fuq kollox, irriżulta mill-provi li l-imħarrkin infushom waslu għas-somma ta' kontribuzzjoni, wara li kienu huma li ikkalkolaw kemm bejn wieħed u ieħor sejra titla' n-nefqa, u l-atturi xerrejja kienu aċċettaw dak l-ammont partikolari ta' kontribuzzjoni. Fit-tielet lok,

---

[21] Art. 1145 tal-Kap 16

kif ingħad, id-dewmien fit-twettiq f'waqtu tax-xogħol tat-twaħħil tal-*lift* kien riskju li l-imħarrkin dehrilhom li kellhom jieħdu, u ta' dan iridu jerfgħu l-konsegwenzi, billi mhux skond il-ħaqq li n-nuqqas tagħhom jgħadduh lill-atturi;

Illi għalhekk, ladarba r-rabta kuntrattwali baqgħet ma nbidlitx jew ma tħassritx b'xi wieħed mill-modi maħsuba mil-liġi, u ladarba r-rabta oriġinali ma kinitx la kontra l-ordni pubbliku u lanqas milquta minn għan illeċitu, l-imħarrkin ma jistgħux jeħilsu mir-rabta li assumew u jwikku l-piż tagħha fuq l-atturi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrkin u tiddikjara li l-ġudizzju huwa sħiħ;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrkin huma solidalment marbutin bis-saħħa tar-rispettivi kuntratti li saru ma' kull wieħed mill-atturi xerreja li jistallaw *lift* fil-blokk ta' appartamenti li jġib l-isem ta' "Victoria Flats" illi jinsab fi Triq il-Ħġejjeġ, f'Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema *lift* għandu jaqdi lill-appartamenti rispettivi tal-atturi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom sabiex, bi spejjeż tagħhom, jistallaw l-imsemmi *lift* sa żmien sittin (60) jum kalendarju millum;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tawtorizża lill-atturi sabiex jieħdu ħsieb jistallaw huma l-imsemmi *lift* fil-blokk ta' appartamenti msemmi, f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jagħmlu dan fiż-żmien mogħti lilhom b'din is-sentenza, u dan bi spejjeż għall-istess imħarrkin, b'dan illi f'każ bħal dan, mill-imsemmija spiża għandha titnaqqas somma ekwivalenti għall-kontribuzzjoni li kull wieħed mill-atturi kien intrabat fil-kuntratt tal-bejgħ u xiri li jħallas biex il-*lift* jitwaħħal fil-post;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin ukoll biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------